KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 23

**L-Erbgħa 27 ta' Jannar 2021**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Dott. Daniel John Attard – Sindku (wasal fis-6:00pm)
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Marika Sammut Dimech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

## 23.1 Qari tal-Apoloġiji

23.1.1 Is-SE infurmat li kien hemm żewġ ittri ta' apoloġiji min-naħa tal-Kunsillier Fenech u l-Kunsillier Mifsud. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 22 u 24

23.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħat preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

23.2.2 Il-minuti tas-seduti numru 22 u 24 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 23.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

23.3.1 Is-Sindku informa li TM kienet bagħtet l-approvazzjoni għall-*elevated walkway* għal Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello imma għadna qed nistennew mingħand IM biex jikkonfermaw li se jagħmluha huma.

23.3.2 Is-Sindku qal li kellu *feedback* dwar l-iskemi tal-mobilità u aċċessibilità (proġett tal-belvedere u l-bosk) u dik ta' pjazez miftuħa (proġett ta' Pjazza San Oswald). Huwa kien ġie mgħarraf li l-Kunsill kien fiċ-ċans tajjeb li jirbaħ il-fondi ghalihom. Hawnhekk is-SE fakkret li għal din is-sena, il-Kunsill żgur li ma kellux fondi biex jidħol għal aktar ko-finanzjament ta' proġetti. Is-Sindku semma' wkoll li dik il-ġimgħa hu u s-SE kellhom laqgħa ma' rappreżentant tal-Onorevoli Silvio Schembri rigward proġett għal proposta dwar pjazza miftuħa.

23.3.3 Is-Sindku informa li fir-rigward tal-proġett tal-pjazza, hu u s-SE kienu attendew għal laqgħa ġewwa l-Ministeru fejn dawn infurmaw li kienu se jaqsmu l-proġett f'aktar minn fażi waħda. Min-naħa tagħhom kienu infurmaw lill-Kunsill li l-MTIP kienet se tieħu x-xogħol kompletament f'idejha inkluz il-perizja u xogħol ta' inġinerija.

23.3.4 Huwa informa li kien għadda wkoll l-MoU tal-Kurja lill-Ministeru biex jagħtu *feedback*.

23.3.5 Is-Sindku informa li kien għadu qed jagħmel kommunikazzjonijiet ma' IM u l-SCH fir-rigward ta' Triq il-Konti Salv Manduca fejn jidher li ż-żewġ entitajiet qed iwaħħlu f'xulxin dwar min għandu jieħu l-azzjoni li jmiss.

23.3.6 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar il-vann tal-komunità, is-SE infurmat li kienet għaddejja bix-xogħlijiet preliminari qabel tinħareġ l-offerta.

## 23.4 *Performance Bonus* tal-impjegati (amministrazzjoni)

23.4.1 Is-SE preżentat kopja tal-*performance appraisals* tagħha kif ukoll tat-tliet impjegati. Il-Kunsill qabel li kulħadd għandu jieħu l-massimu tal-grad tiegħu, jiġifieri 10% għas-SE u 6% għall-impjegati.

## 23.5 Aġġudikazzjoni tal-offerta MTFLC-T-007-2019 – *Supply and installation of extra low voltage systems (ELV's)*

23.5.1 Is-SE preżentat kopja tar-rapport ta' evalwazzjoni għall-offerta tal-ELV's tal-*Visitors Centre* bir-rakkomandazzjoni tal-bord.

23.5.2 Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-bord.

23.5.3 Is-SE infurmat li min-naħa tal-MEUSAC kienu infurmaw li kellhom il-ħsieb li jorganizzaw konferenza stampa fil-preżenza tal-Ministru Abela, is-Segretarju Parlamentari Zrinzo Azzopardi kif ukoll tas-Sindku tal-Imtarfa sabiex jippromwovu din l-entità u l-ħidma fuq applikazzjonijiet li jkunu ta' suċċess bħalma kienet l-applikazzjoni tat-torri tal-arloġġ.

23.5.4 Sadanittant infurmat li x-xogħol fuq il-bini tal-Visitors Centre kien se jibda dik il-ġimgħa wara li ngħatat id-direzzjoni min-naħa tal-SCH.

## 23.6 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għal Kull Kwart (Settembru – Diċembru 2021)

23.6.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tar-rapport finanzjarju għal kull kwart permezz tal-*email*.

23.6.2 Hawnhekk sar intervent mill-*accountant* tal-Kunsill fejn tat spjega qasira dwaru.

23.6.3 Wara diskussjoni u fuq ir-rakkomandazzjoni tal-*accountant*, kien hemm qbil li t-80% tal-fondi tal-proġett tat-torri (li normalment l-awdituri tal-Kunsill jinsistu li jinizzlu mal-*current liabilities)* għandhom minflok jintnizzlu mal-*long term liabilities* għaliex dawn ma jitħallsux mill-Kunsill iżda l-Kunsill huwa obbligat joħroġ biss l-20%.

## 23.7 Approvazzjoni tal-*Financial Statements*

23.7.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tal-estimi finanzjarji permezz tal-email.

23.7.2 L-accountant tat spjega wkoll dwar l-estimi finanzjarji.

## 23.8 Approvazzjoni tal-baġit tal-Kunsill għas-sena 2021

23.8.1 Is-SE infurmat li kif kienet fehmet lill-Kunsill permezz ta' email eżatt wara l-aħħar laqgħa, ma kienx hemm żball fil-baġit u għaldaqstant reġgħet għaddiet l-istess kopja tal-baġit għall-approvazzjoni.

23.8.2 Il-Kunsill approva l-baġit skont kif preżentat.

## 23.9 Skemi DLG

23.9.1 Is-Sindku informa li kienet ħarġet skema ġdida għal Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jdaħħal applikazzjoni għar-restawr tal-faccata tal-iskola primarja.

23.9.2 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar Skema – Belt jew Raħal Kulturali 2022. Għal darb'oħra, is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li ma kienx hemm fondi biex il-Kunsill jidħol għal aktar skemi minn dawk approvati waqt il-laqgħa preċedenti. Min-naħa tiegħu, is-Sindku insista u kien hemm qbil unanimu li s-SE għandha tagħmel kuntatt mal-Kunsilli tal-Imdina u r-Rabat biex jevalwaw il-possibbiltà li tintefa' applikazzjoni bejn it-tliet lokalitajiet.

## 23.10 Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

23.8.1 Minħabba li l-Kunsillier Mifsud kienet marida, ma kienx hemm rapporti x'jiġu preżentati.

## 23.9 Punti Oħra

23.9.1 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li d-dekorazzjonijiet tal-Milied kienu għadhom imwaħħla.

23.9.2 is-Sindku informa li dwar ir-rampa ta' Binja Buqana, kien sar *survey* u għazla ta' żew pjanti min-naħa tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill kien kellem ukoll lill-Ministeru tal-Infrastruttura u dawn kienu talbu lill-Kunsill iġib *clearance* mill-CRPD. Is-SE kienet se tieħu ħsieb tikkomunika magħhom u tgħaddi l-kommunikazzjoni finali lill-Ministeru.

23.9.3 Hawnhekk saret diskussjoni dwar il-binja tal-eks sptar navali li kien se jaqa' dalwaqt f'idejn kuntrattur privat. Is-Sindku kellu jagħmel kuntatt magħhom biex issir laqgħa ta' informazzjoni għall-Kunsill u għar-residenti.

23.9.4 Is-SE infurmat li kienet identifikat numru ta' bankini fiż-żona tal-HE u kienet talbet appuntament lill-Perit biex imorru jittawlu sabiex jiġu fformulati pjanti biex jiġu mgħoddija lil IM.

23.9.5 Is-SE infurmat li matul is-sena 2020 ma kienu saru ebda attivitajiet relatati mal-ġemellaġġi li għandu l-Kunsill. Hija kienet se tieħu ħsieb li tinforma lid-Dipartiment.

23.9.6 Is-SE infurmat li kif kien previst, l-Assistent Uffiċjal Prinċipali kienet waddbet ir-riżenja tagħha nhar il-Ġimgħa 22 ta' Jannar 2021. Sadanittant hija kienet ħadet ħsieb li tibda l-proċeduri biex tiġi ingaġġata persuna ġdida skont kif ġie deċiż waqt il-laqgħa b'urġenza.

23.9.7 Is-Sindku staqsa lis-SE meta se jsir iż-żbir tal-palma ta' ħdejn Binja Ġebel Dwejra. Hija infurmat li kienet tkellmet mal-kuntrattur u dan infurmaha li sakemm il-ħamrija kienet għadha mxarrba, kien riskju li jidħol fuqha biċ-cherry picker minħabba instabbilità u

23.9.8 għaldaqstant talab li din titħalla li tkun perfettament xotta biex ma jkunx hemm riskju li jegħleb. Min-naħa tal-Kunsill insistew li s-SE għandha ġġib kwotazzjonijiet għal krejn bil-gaġġa biex isir ix-xogħol.

23.9.10 Hawnhekk is-SE staqsiet lill-Kunsill dwar min jixtieq ikun fuq il-bord tal-intervisti għall-vakanza tal-*Contracts Manager*. Kien hemm qbil li l-bord għandu jkun magħmul minn MSD, u Adrian Mifsud.

23.9.11 Is-SE infurmat ukoll li matul il-ġimgħa li għaddiet, il-kuntrattur tal-M&E's tal-Visitors Centre kien infurmaha li kellu problema ma' wieħed mis-*suppliers* tiegħu u kien se jkollu jibdel xi *equipment* tal-*air-conditioning* u *ventilation*. Wara li għamlet kuntatt mad-Dipartiment tal-Kuntratti dawn kienu rrakkomandaw li s-supplier għandu jgħaddi l-ispecifications il-ġodda lill-inġiniera tal-Kunsill u jekk dawn japprovawhom, hi kellha tibgħat kollox lid-DLG għall-approvazzjoni tagħhom. Għaldaqstant għaddiet kopja tar-rapport mill-inġiniera fejn kienu qed jikkonfermaw li kollox huwa konformi. Il-Kunsill qabel li s-SE għandha tipproċedi mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

23.9.12 Is-SE talbet lill-Kunsill jikkunsidra biex sakemm tinstab persuna *full time* li tieħu post l-Assistent Prinċipali, il-Kunsill ma jaċċettax aktar flus kontanti sabiex tkun aktar faċli għall-iskrivana biex tagħmel ir-rikonċiljazzjoni u d-depożitu tal-flus, speċjalment minħabba li għadha pjuttost ġdida. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 23.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

23.10.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 1/2021), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier ssekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 23.11 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa spiċċat fis-7:15pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 24 ta' Frar fis-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 24 ta' Frar 2021.

| | |
|---|---|
| Dr Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |